**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IL-ĦAMES KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 44 - IT-TLIETA 2 TA' DIĊEMBRU 2008**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fid-8:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Is-Sra Speranza Xuereb | Viċi sindku |
| | Is-Sur Victor Agius | Kunsillier |
| | Is-Sra Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Is-Sur Salvu Sciberras | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Noel Gatt | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Catania | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Il-Kunsillier Sciberras ġibed l-attenzjoni dwar para. 1.9 u kien hemm qbil li jinqatgħu l-kliem 'Triq il-Fortizza tal-Mosta'.

1.2. Il-Minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati mis-SE u s-Sindku.

1.3. Għall-mistoqsija tal-viċi sindku, is-SE informa li l-amministrazzjoni kienet qed iġġib aktar kwotazzjonijiet għal *doggie bins*. Fir-rigward tar-reċipjent għat-tifi u r-rimi tas-sigaretti, is-SE qal li s'issa kien hemm negozju wieħed biss li wera interess min-negozji kollha tal-Pjazza. Hawnhekk il-Kunsillier Sciberras ġibed l-attenzjoni li probabilment dan seta' jfisser li l-kumitati tal-każini għadhom ma ltaqgħux u għaldaqstant talab lill-Kunsill biex jistenna ftit ġimgħat oħra minħabba li dawn ma jiltaqgħux ta' spiss. Fuq talba tal-Kunsill, is-SE għandu wkoll jipprova jġib kwotazzjonijiet għal reċipjenti għat-tifi u r-rimi tas-sigaretti biss, minbarra l-kwotazzjonijiet għal reċipjenti tal-iskart u t-tifi u r-rimi tas-sigaretti f'daqqa.

1.4. Il-viċi sindku ġibdet l-attenzjoni li l-marki u s-sinjali msemmija f'para. 1.12 kienu għadhom ma sarux u li kien għad hemm periklu għall-istudenti. Kien hemm qbil li għandha tintalab l-għajnuna tal-pulizija sabiex ikun hemm l-infurzar neċessarju speċjalment fil-ħin tad-dħul/ħruġ mill-iskejjel.

1.5. Il-viċi sindku staqsiet jekk hemmx xi żviluppi dwar para. 4,3. Is-SE informa li kien hemm iżda ma laħaqx organizza l-laqgħa.

1.6. Għall-mistoqsija tal-viċi sindku dwar para. 5,1, is-SE informa li kienet intbagħtet talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex isir impjieg temporanju (b'servizz) iżda sal-ġurnata kien għad m'hemm l-ebda risposta.

1.7. Fir-rigward ta' para. 6.4, il-viċi sindku infurmat li l-Prim Ministru kien iltaqa' mal-MEPA fejn ġiet diskussa l-inċentiva dwar il-faċċati tar-residenti. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jirċievi l-informazzjoni dwar din l-inċentiva u mbagħad jagħmel il-pubbliċità neċessarja mar-residenti fuq il-fuljett tiegħu.

1.8. Il-Kunsillier Noel Gatt staqsa jekk kinitx ġiet iffissata data għall-ikla tal-anzjani. Is-Sindku infurmat li din se ssir nhar is-Sibt 13 ta' Diċembru, probabilment ġewwa l-Oratorju.

1.9. Il-Kunsillier Sciberras staqsa lis-SE jekk għandux informazzjoni dwar xi konkos li tpoġġa fuq it-triq fi Triq Ħal Dgħejf (para. 8.4). Is-SE informa li kien hemm żewġ residenti li poġġew xi konkos mal-art. L-idea kienet li ma jieqafx ilma quddiemhom. Huwa spjega li ma jemminx li l-ftit konkos li tpoġġa mal-art seta' jaffettwa daqshekk il-fatt li s-sidien taż-żewġ garaxxijiet qed jallegaw li qed jidħlilhom l-ilma meta tagħmel ix-xita.

## 2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

2.1. Is-Sindku infurmat li hi u s-SE kienu se jagħmlu żjara f'Mornago fil-provinċja ta' Varese fil-Lombardija bejn it-8 u l-10 ta' Diċembru biex jinstab jekk hux vjabbli li jsir ġemellaġġ.

2.2. Is-Sindku infurmat li kienet żammet laqgħa mas-Segretarji Parlamentari Dott Chris Said u Dott. Jason Azzopardi fil-bin tal-Parlament nhar l-24 ta' Novembru. Hija infurmat li għalkemm pruvat iżżomm laqgħa mal-Ministru Austin Gatt, ma kienx possibli għalih li jiltaqa' magħha. Min-naħa l-oħra ġiet assigurata li, l-informazzjoni lilu li għaddiet ma' Dott. Said, kellha titwassallu. Is-Sindku infurmat li kienet talbet għajnuna finanzjarja għall-proġetti li kellu f'moħħu l-Kunsill. Hija infurmat li kienet issuġġeriet ukoll li ż-żona ta' ħdejn il-kumpless *White Rocks,* fejn kien hemm il-*caravans*, tiġi devoluta lill-Kunsill. F'dan ir-rigward hija kienet intalbet biex tissottometti pjanta lill-MEPA bil-pjan ta' kif beħsiebu jiżviluppaha l-Kunsill permezz ta' *Public Private Partnership* u kemm-il darba tiġi aċċettata l-Kunsill għandu jissottometti t-talba għad-devoluzzjoni. Is-Sindku infurmat ukoll li kienet tkellmet magħhom dwar il-fatt li għad fadal numru ta' toroq fin-Naxxar li għalkemm ġew imwegħda li jitlestew sal-aħħar ta' Diċembru, kienu għadhom ma ġewx rikostruwiti.

2.3. Is-SE informa li kien qed jipprova jikkuntattja lill-kantant Elio Lombardi fir-rigward tal-ikla tal-anzjani. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Catania dwar jekk hux se jkun provdut trasport, il-Kunsill qabel li, kemm-il darba jkun hemm numru sewwa li jitolbu għat-trasport, dan għandu jiġi provdut għal ewro kull persuna.

2.4. Is-Sindku infurmat li l-ADT kienet bagħtet ittra lill-Kunsill sabiex tinfurmah li kemm-il darba ma jaqlax xi *thumps* kif ukoll xi sinjali li tpoġġew mingħajr permess fi żmien xahar, l-ADT kienet se tneħħi kollox hi u tibgħat il-kont lill-Kunsill. Għall-mistoqsija tal-Kunsilliera Miceli dwar x'jista' jsir minflok dawn it-*thumps*, is-SE informa li hemm miżuri oħra kontra l-abbuż tat-traffiku li l-Kunsill jista' jasal għalihom iżda t-*thumps* kienu l-aktar mod ekonomiku biex jaslu għal dan.

2.5. Fir-rigward tal-attività tal-għoti tad-demm li qed tiġi organizzata fl-okkażjoni tal-ħmistax-il sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali, l-uniku Kunsillier li seta' jattendi

għaliha kien il-Kunsillier Noel Gatt. Kien hemm qbil li għandu jiġi organizzat trasport u li l-attività tiġi ppubbliċizzata.

2.6. Is-Sindku infurmat li bħala parti minn dawn l-attivitajiet, hija u s-SE kienu ġew mistiedna biex jagħmlu diskors fl-Iskola Primarja aktar tard dik il-ġimgħa. Madanakollu peress li ma kienx possibli għaliha li tattendi, ħa ħsieb jagħmel kelmtejn lit-tfal is-SE.

2.7. Il-Kunsillier Agius informa li kien għad hemm numru ta' residenti/kuntratturi li ma ngħatawx id-depożitu lura wara li tlesta x-xogħol bil-krejn quddiem is-siti tagħhom. Is-SE informa li huwa minnu li għad hemm numru minnhom li ma għadhom ma ngħatawx il-flus lura, iżda l-maġġorparti issa tlestew u qed jaħdmu fuq l-aħħar ftit.

## 3. ĦLAS TA' KONTIJIET

3.1. Il-viċi sindku infurmat li hija kienet tilfet il-camera tar-ritratti tal-kunsill waqt li kienet qed tmexxi żjara kulturali f'isem il-Kunsill.

3.2. Il-lista tal-kontijiet ġiet approvata kif annessa f'B.

3.3. Titjib tas-sistema tal-alarm: Is-SE informa li s-sistema li qed titħaddem bħalissa tieħu biss 7 *users* bir-riżultat li hemm numru wieħed komuni għal aktar minn persuna waħda. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tas-SE biex isir *upgrade* tas-sistema biex tieħu biżżejjed users li taqdi l-ħtiġiet tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Joe Grech għandu jgħin lis-SE minħabba li huwa intiż f'sistemi simili.

## 4. INSTALLAZZJONI TA' DWAL TAT-TOROQ ĠODDA (TRIQ WIED ANĠLU)

4.1. Is-SE informa li Triq Wied Anġlu fiha parti li hija miksija bit-tarmak u parti oħra li mhijiex. Barra minn hekk, huwa informa li hemm bżonn ukoll ta' dawl. Huwa informa li hemm bozza preżenti li setgħet tiċċaqlaq filwaqt li hemm bżonn ta' tnejn ġodda.

4.2. Hawnhekk il-Kunsilliera Miceli skużat ruħha. Il-ħin kien l-10:20pm.

4.3. Il-Kunsillier Agius għamel talba għal bozza f'Tal-Qadi. Is-SE informa li kien se jivverifika dwar jekk hemmx talba oħra u filkaż fhiex waslet. Sadanittant se jivverifika wkoll x'hemm aktar talbiet fuq il-lista tal-bozoz ġodda.

## 5. INSTALLAZZJONI TA' CABINETS TA' GO PLC

5.1. Is-SE informa li GO plc kienu talbu li jinstallaw *cabinet* fi Triq il-Ġdida man-naħa tal-*playing field*. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba u għaldaqstant is-SE għandu jinforma lill-GO plc li lest joffrilhom biex ipoġġu dan il-*cabinet* wara l-lasta tal-futbol fil-grawnd.

## 6. GĦAŻLA TA' TOROQ GĦALL-KISI MILL-ĠDID

6.1. Is-SE talab konferma tal-Kunsill għat-toroq li għandhom jinksew mill-ġdid. Il-Kunsillier Sciberras fakkar li l-Kunsill kien diġà approva li għandhom jinksew Triq l-Inkwina, Triq Ħal Musulment, Triq Ċensu Muscat, Triq il-Ħamrija u madwar il-blokki, Triq Dun Ġakominu Galea, Triq it-Torri tal-Kaptan, Triq Ferdinand Von

Hompesch u Trejqet Nicholas Monsarrat u l-kumplament ta' Triq Birguma. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li kellu jżomm ma' din l-ordni.

## 7. TALBIET U ILMENTI

7.1. *Każ Nru 44/1177/07:* Il-Kunsill ma laqax it-talba li jingħata konkos biex jinkesa l-isqaq Ta' Ċantrija. Is-SE ġie mitlub jikkonferma jekk hux possibli li jinġabu mid-Dipartiment tal-Agrikoltura.

*7.2.* *Każ Nru 44/1105/08 u 44/0169:* biex isir *patching* estensiv/kisi mill-ġdid fi Triq it-Torri tal-Għallis il-Kunsill ma laqax it-talba iżda qabel li għandu jgħaddi din it-talba lill-WasteServ biex possibilment jiffinanzjawha huma.

*7.3.* *Każ Nru 44/0961/08:* biex isir kisi ta' Trejqet Ignazio Micallef għalissa jibqa' jsir traqqiegħ.

*7.4.* *Każ Nru 44/1047/08:* biex tinkesa Triq Ferdinand Von Hompesch it-talba ma tistax tiġi milqugħa għalissa iżda minflok se jsir it-traqqigħ neċessarju.

*7.5.* *Każ Nru 44/0825/08:* Din it-talba, biex Triq il-Konverżjoni tiġi miksija mill-ġdid, ma ġietx milqugħa minħabba li mhux fil-lista ta' prijoritajiet tal-Kunsill.

*7.6.* *Każ Nru 44/0518/08:* Biex tinkesa Triq il-Ħamrija – inkluża fil-lista ta' toroq (para 6.1).

*7.7.* *Każ Nru 44/1310/07:* biex ikun miksi Sqaq numru 2 fi Triq il-Markiż Scicluna ma tistax tintlaqa' għalissa.

7.8. Kien hemm qbil li Triq Ħabel Żwejra għandu jsirilha t-traqqigħ neċessarju.

7.9. Il-Kunsillier Joe Grech talab lill-Kunsill biex jikkunsidra li kulfejn kien hemm il-*humps* u se jinqalgħu jiġu kostruwiti bil-konkos. Fuq suġġeriment tas-SE kien hemm qbil li għandha tintbagħat talba uffiċjali lit-TMU biex jinżammu dawk tal-lastiku.

7.10. Is-SE ressaq talbiet mingħand l-Arċipriet li jinkludu: Dawl mal-kopletti u xogħol fuq iz-zuntier il-Kunsill talab li jkollu l-istimi neċessarji u fir-rigward taz-zuntier jara jekk hux possibli li jsir bi sħab mal-Gvern Ċentrali.

7.11. Il-Kunsill ma laqax it-talba biex jagħmel dawl mal-faċċata tal-uffiċċju parrokkjali.

## 8. TMIEM IL-LAQGĦA

8.1. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fil-11:15pm.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv